MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 233/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fid-9 ta' Lulju 1993 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, ilkoll minorenni;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli;

Illi l-partijiet itterminaw u xoljew il-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejnithom fil-konfront taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia tal-11 ta' Ottubru 2000 (Dok A);

Illi l-partijiet ghaddew mill-process ta' medjazzjoni izda din il-medjazzjoni ma tatx frott peress li l-konvenut huwa assenti minn Malta;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 673/2005, hawn anness u mmarkat Dok. B, sabiex tintavola dawn il-proceduri;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut peress li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imptabbli lilu;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi f'data f'idejn l-attrici, u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja li ghandu jhallas l-attur ghall-imsemmija ulied minuri;

4. Tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta nomine pprezentata fis-26 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha eccepiet;

Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

1. Illi mhuwiex veru li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut B.

2. Illi l-kura u kustodja tal-minuri, ghandha tkun fdata kemm f’idejn l-attrici kif ukoll f’idejn B b’hekk illi jkun hemm “joint custody” tat-tfal.

3. Illi r-retta alimentari ghandha tigi stabilita skond il-bzonnijiet tat-tfal skond l-introjtu sia ta’ l-istess attrici A kif ukoll dik ta’ B.

Bl-ispejjez kontra l-attrici jew skond kif jigu decizi minn din il-Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici u ta’ omississ.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha. Il-kawza ma tippresenta ebda diffikoltajiet ghaliex il-partijiet gia’ illikiwidaw u qasmu l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom permezz tal-kuntatt imsemmi fic-citazzjoni. Skond il-provi,

il-konvenut abbanduna ghal kollox id-dar konjugali tant li issa ilu ma jkollu kuntatt ma' l-attrici u l-minuri. Ma hemmx lok li wiehed jidhol fid-dettal dwar il-grajja ta' dan iz-zwieg.

Il-konvenut sa ftit tax-xhur ilu kien qed ihallas tlett mitt Lira Maltin (Lm300) fix-xahar ghall-minuri u jidher li kien accetta dan meta l-partijiet kienu dehru quddiem is-Sekond Awla fl-2003. L-attrici fil-fatt qed titlob biss mantenimnet ghat tfal u l-Qorti thoss li ghandha zzid dan l-ammont ghal tlett mija u hamsin Lira Maltin fix-xahar (Lm350) ghax ghalkemm ma hemmx indikazzjoni kemm qed jaqla' l-konvenut, zgur li billi jahdem fil-Kuwait qed ikollu introjtu sufficjenti biex ihallas dan l-ammont.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici *eccetto* r-raba' wahda billi ma hemm ebda skop ghaliha u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;**

**2. taffida l-kura u kstodja tal-minuri imsemmija fic-citazzjoni lill-attrici;**

**3. tordna lill-konvenut ihallas bhala manteniment ghall-istess minuri s-somma ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) fix-xahar;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------